MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 514/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Kenneth Farrugia**
**Duncan Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Kenneth Farrugia**, ta' sitta u tletin (36) sena, bin Anthony u Margaret neé Psaila, imwieled Attard fis-16 ta' Jannar 1976 u

joqghod Marton, Triq il-Maghsar, Haz-Zabbar detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 51776(M)

u

**Duncan Farrugia**, ta' tletin (30) sena, bin Anthony u Margaret neé Psaila, imwieled Pieta' fid-9 ta' Dicembru 1981 u joqghod 7, Highlights Court, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 661181(M),

akkuzati talli:

1. fix-xahar ta' April 2012 u sitt xhur qabel din id-data fil-hanut taghhom Carbia fi Triq Is-Sur, Fgura u f'dawn il-gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom, u cioé laqaw ghandhom ammont ta' xfafar u oggetti ohra liema oggetti kienu nsterqu minn diversi hwienet f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer propjeta ta' diversi persuni.

**Lil Duncan Farrugia** wahdu akkuzat ukoll:

2. talli rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 75) datata 4 ta' Dicembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

- fil-konfront ta' Kenneth Farrugia kif mahsub taht:
  (a) Artikoli 334 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (b) Artikoli 17, 31, u 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- fil-konfront ta' Duncan Farrugia kif mahsub taht:
  (a) Artikoli 334 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (b) Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (c) Artikoli 17, 31, u 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-20 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 92), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-4 ta' Dicembru 2012, f'liema seduta l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputati ghazlu li ma jixhdux u anqas ressqu ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni (*a fol.* 96 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza (*a fol.* 99 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Spiridione Zammit** (*a fol.* 13 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu u mill-iSpettur Roderick Agius rigward serqiet minn diversi spizeriji. Jispjega li minn tfittxija li saret mill-i*store* tal-hanut tal-imputati kienu gew rikoverati numru ta' xfafar tal-lehja ta' marki differenti.

In <u>kontro-ezami</u> qal li wasal ghall-imputat minn informazzjoni li kien tahom Paul Gauci Borda.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed ukoll l-i**Spettur Roderick Agius** (*a fol.* 34 *et seq.*) li xehed li flimkien mal-iSpettur Spiridione Zammit kienu qed jinvestigaw diversi serqiet zghar minn gewwa diversi spizeriji. Kompla jixhed rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu u mill-iSpettur Zammit. Xehed fuq l-istess linji tal-iSpettur Spiridione Zammit.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Paul Gauci Borda** (*a fol.* 36 *et seq.*) li rrizulta li kienu ttiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu li ghaddew in gudikat u li meta gie mistoqsi xi domandi beda jghid li ma jiftakarx u l-Qorti qiesitu bhala xhud ostili u ordnat l-arrest tieghu taht l-awtorita taghha u pposponiet il-kawza u meta rega' giet imsejha l-kawza, Gauci Borda rega' gie mistoqsi xi domandi. Qal li kien biegh xi xfafar tal-lehja u affarijiet simili li kienu misruqin minnu u dawn kien ibieghhom jew fit-triq jew f'xi hanut il-Fgura. Jghid li mar kemm il-darba f'dan il-hanut li jinsab hdejn it-Tip Top. Jghid li

dahal f'dan il-hanut u qal lill-persuna ta' sess maskili li kien hemm jekk l-affarijiet li kellu kienux jghoddu ghalih u jekk kienx lest li jixtrihom. Jghid li ftehmu fuq nofs il-prezz. Jghid li mar kemm il-darba. Jghid li d-drabi li kien imur fil-hanut kien ikun hemm zewg'irgiel. Meta hares fl-awla gharaf liz-zewg imputati bhala z-zewg persuni li kienu jkunu fil-hanut li kien imur fih. Jghid li kien staqsa lil Kenneth Farrugia, dan ra l-affarijiet li kellu u qallu li kollox kien sew. Mistoqsi rigward l-imputat l-iehor Duncan Farrugia, jghid li gie li hu (Gauci Borda) mar drabi ohra fil-hanut u kien ikun hemm Duncan Farrugia u kien ibieghom lilu l-affarijiet. Jghid li kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien ibieghilhom l-affarijiet.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li liz-zewg imputati gie li bieghilhom affarijiet.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed **Vincent Vella** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn qal li ghandu spizerija f'Mgarr u li rrizulta li xi hadd kien seraq xi xfafar mill-ispizerija.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **PS 274 James Turner** (*a fol.* 61 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "JT 1" (*a fol.* 63 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehdet **Maryanne Bonanno** (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn qalet li hija tahdem bhala spizjara fi spizerija f'Haz-Zebbug. Tixhed rigward rapport li ghamlet hi mal-Pulizija rigward serq ta' oggetti, inkluz xfarar, minn gol-ispizerija.

In kontro-ezami tghid li ma jidhirliex li kellhom serqa ohra ta' xfafar. Tispjega li dawn kienu xfafar tad-ditta Gilette.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **PC 179 Clayton Gatt** (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn qal li in segwitu ta' tfittxija li kienet saret minnu u membri ohra tal-korp tal-Pulizija gewwa *mini-market* bl-isem ta' Carbia fil-Fgura, kienu nstabu xi xfafar li kienu parti minn *stock* go kaxxa tal-kartun.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **Richmond Attard** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn qal li jahdem go spizerija u rrizulta li persuna serqet xi oggetti, fosthom xfafar, *shaving foams* u affarijiet simili.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, xehed **PS 1574 Renaldo Cremona** (*a fol.* 77 *et seq.*) rigward rapport redatt minnu li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "RC 1" (*a fol.* 80 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2012, xehed ukoll **Paul Grech** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn qal li ghandu hanut f'Haz-Zebbug u darba minnhom sab zewg grossi sigaretti neqsin.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013, xehed **PS 100 Terrence Azzopardi** (*a fol.* 86 *et seq.*) rigward rapport redatt minnu li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "TA 1" (*a fol.* 89 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni migjuba fil-konfront taz-Zewg Imputati –**

**Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Illi jkun opportun li l-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricetazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

> "(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence *per se*, and not a form of complicity;

> (2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods.
>
> (3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputati kienu jixtru xi prodotti relatati ma' xfafar li kienu jigu misruqa minn certu Gauci Borda minn diversi spizeriji madwar Malta. Kif diga gie ndikat aktar il-quddiem f'din id-decizjoni, Gauci Borda wera certu riluttanza meta ha l-pedana tax-xhieda l-ewwel darba meta gie mistoqsi numru ta' domandi u kien biss wara li l-Qorti ddikjaratu bhala xhud ostili u ordnat li jinzamm arrestat taht l-awtorita' taghha u rega' gie mitlub jixhed li huwa beda jwiegeb id-domandi li bdew isiru lilu. Gauci Borda kkonferma li huwa ma appellax mis-sentenza li giet moghtija fil-konfront tieghu, minn liema sentenza, ezebieta bhala Dok. "SZ 7" – *a fol.* 52 *et seq.*, jirrizulta li huwa gie akkuzat b'diversi serqiet minn numru ta' spizeriji madwar Malta. Gauc Borda xehed kif huwa kien ibiegh l-oggetti misruqa minnu lill-imputati li ghandhom hanut fil-Fgura.

Illi, fl-istqarrijijiet rilaxxati mill-imputati[1], iz-zewg imputati jammettu dak li qed jigu akkuzati bih f'dawn il-proceduri.

[1] *Vide* Dok. "SZ 1" – *a fol.* 18 *et seq.*, Dok. "SZ 3" – *a fol.* 22 *et seq.*.

Ovvjament, il-Qorti mhijiex ser tibbaza d-decizjoni taghha fuq dan biss pero fuq l-assiem tal-provi kollha prodotti. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 99 *et seq.*) id-difiza tikkontendi li l-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati miz-zewg imputati minhabba r-ragunijiet imsemmija fin-nota ndikata. Aktar minn hekk, fl-istess Nota ta' Sottomissjonijiet, id-difiza tikkontendi wkoll li l-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra lil Paul Gauci Borda bhala komplici u dana *stante* li, skond id-difiza, ma gietx ezebita f'dawn il-proceduri d-decizjoni moghtija fil-konfront ta' Gauci Borda. Id-difiza mhijiex korretta f'dan. *Di fatti*, il-Prosekuzzjoni ezebiet tali sentenza fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012, liema sentenza giet mmarkata bhala Dok. "SZ 7" – *a fol.* 52 *et seq.*. Apparti minn dan, meta beda jixhed Gauci Borda, hu kkonferma li ma appellax minn tali sentenza (*a fol.* 36). Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li dak li sostniet id-difiza fir-rigward ta' Paul Gauci Borda ma jsib l-ebda bazi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju ghala m'ghandhiex temmen lil Gauci Borda meta huwa xehed rigward il-bejgh lill-imputati tal-oggetti misruqa minnu.

Illi kieku, ghall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha tiskarta l-istqarrijiet rilaxxati miz-zewg imputati, kif mitluba mid-difiza, il-Qorti hija xorta tal-fehma li mill-assiem tal-provi l-ohra kollha prodotti f'dawn il-proceduri, b'mod specjali mix-xiehda moghtija minn Paul Gauci Borda, li effettivament l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati giet sodisfacentement pruvata. Dan qieghed jinghad in vista ta' dak li jistipula Artikolu 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> "(1): Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma

jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti.

(2): B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati giet sodisfacentement pruvata.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni migjuba BISS fil-konfront tal-imputat Duncan Farrugia –**

**Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:**

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, il-Prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija fit-23 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Duncan Farrugia** (Dok. "SZ 6" – *a fol.* 28 *et seq.*). Minkejja li wara li l-Ufficjal Prosekutur ghamel is-sottomissjonijiet finali tieghu, id-difiza sostniet li m'hemm l-ebda karta tal-identita' tal-imputat fis-sentenza, dan m'huwiex il-kaz. Minn harsa lejn is-sentenza ezebita (*a fol.* 28 *et seq.*). jirrizulta li l-konnotati kollha inkluz il-karta tal-identita, ghajr ghall-indirizz residenzjali, tal-persuna li fil-konfront tieghu nghatat is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li din is-sentenza fil-fatt inghatat fil-konfront tal-imputat Duncan Farrugia. B'hekk m'hemmx dubju li l-imputat ghandu jigi kunsidrat bhala recediv taht Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Bhala parentezi, il-Qorti ma tifhimx ghala,

fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 99 *et seq.*), id-difiza tghid li l-imputat inghata sentenza fejn gie kkundannat multa ta' Euro 116 meta effettivament huwa gie kkundannat multa ta' Euro 1116. Tghid, bhal kaz tal-karta tal-identita', dan kien semplici *lapsus calami*?!

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taz-zewg imputati gew sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront taz-zewg imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati liz-zewg imputati u l-fedina penali taghhom (Dok. "SZ 9" – *a fol.* 9, u Dok. "SZ 10" – *a fol.* 10 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li filwaqt li l-imputat Kenneth Farrugia ghandu fedina penali nadifa, mhux l-istess jista' jinghad ghall-imputat Duncan Farrugia li ser jigi kkunsidrat bhala recediv taht Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemmx dubju ghaldaqstant li l-piena moghtija fil-konfront taz-zewg imputati ser tkun wahda diversa. Fir-rigward tal-imputat Kenneth Farrugia il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandhiex timponi terminu ta' prigunerija effettiva pero temmen li din ghandha tkun wahda sospiza. Fir-rigward tal-imputat Duncan Farrugia, minhabba l-akkuza tar-recidiva (taht l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), li tirrizulta pruvata, il-Qorti ma tistax taghti sentenza ta' prigunerija sospiza fil-konfront tieghu u *stante* li l-Qorti m'hijiex tal-fehma li ghandu jigi applikat xi provvediment taht Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma jezistux ragunijiet validi ghal dan, il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tieghu (Duncan Farrugia).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti:

fir-rigward tal-imputat **Kenneth Farrugia**, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru 2012, u senjatament Artikoli 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Kenneth Farrugia hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena;

fir-rigward tal-imputat l-iehor **Duncan Farrugia**, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 ta' Dicembru 2012, u senjatament Artikoli 49, 50, 279 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Duncan Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmien (8) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Kenneth Farrugia fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------